MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 816/2005

**Gioacchino Grech**

**Vs**

**Direttorat tat-Toroq u b'digriet tal-1 ta' Gunju, 2006 gew kjamati fil-kawza Penza Construction Ltd u Penza Tarmac Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta'l-attur fejn jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin (Lm286), rapprezentanti hsarat u danni li soffra l-attur fil-vettura tieghu Austin Mini, numru ta' registrazzjoni JAF 969 fit-18 ta' Jannar, 2004, a kawza ta' manhole cover (tappiera) fit-Telgha ta' Alla u Ommu, Naxxar.

Bl-ispejjes, inklux dawk ta;l-ittra bonarja 19 ta' Jannar, 2004 u ta' l-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma infondati u fid-dritt  u ghandhom jigu michuda bl-ispejjjes u dan stante illi d-danni allegati mill-atturi m'huma bl-ebda mod imputabbli lid-Direttorat tat-Toroq izda sehhu semplicement bhala rizultat tan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta'l-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mill-attur.

Illi,minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv.

Salv Eccezzjonjiet ulterjuri.

Illi b'digriet ta' dan it-Tribunal datat 1 ta' Gunju, 2006, fuq talba tal-konvenut, gew kjamati fil-kawza is-socjetajiet Penza Construction Ltd. u Penza Tarmac Ltd.

Ra x-xhieda ta' l-attur li spjega illi hu s-sid tal-vettura JAF 969 li dakinhar ta' l-incident kienet qed tigi misjuqa mit-tifel tieghu Jeremy Grech.

Ra x-xhieda ta' Jeremy Grech li jikkonferma li hu bin l-attur u li kien qed isuq il-vettura ta' missieru li ggib in-numru ta' registrazzjoni JAF 969 ghall-habta tas-6.00 pm fit-Telgha ta' Alla u Ommu. Jispjega illi waqt li kien niezel fil-wiesgha, qabel ma tasal ghal Burmarrad sab tappiera ma' wiccu u wehel fiha. Kien dlam fit-triq u kien ghaddej bid-"dim. " Kien wehel minn taht hdejn il-gear box. Ighid ukoll li t-tappiera kienet xi erba' jew hames pulzieri 'l fuq mill-art.

Ighid li ma kien hemm xejn x'jindika fit-triq il-periklu li kien hemm.

Ra x-xhieda ta' PS1131 Justin Camilleri li esebixxa r-rapport li kien ha minghand Jeremy Grech.

Ra x-xhieda ta' Philip Attard li esebixxa kopja tas-survey rapport li kien ghamel.

Ra x-xhieda ta' Saviour Farrugia li jispjega li huwa perit mad-Direttorat tat-Toroq. Huwa spjega illi kien inghata tender lil Penza Construction Ltd. ghal xi xogholijiet li kellhom isiru fit-telgha ta' Alla u Ommu. Kien fir-responsabbilita' ta' din is-socjeta' li tevita li jkun hemm periklu fit-triq u l-maniggjar tat-traffiku.

Generalment, wara li jitlesta ix-xoghol, l-ADT flimkien mal-kuntrattur imorru sabiex jaghmlu l-verifiki fuq ix-xoghol sabiex jaraw jekk hemm xi problemi. Jekk ikun hemm xi problemi dawn iridu jitrangaw u hemm biss l-ADT johrog certifikat u l-istess triq taqa' taht l-Awtorita' tat-Trasport. Dan il-*handover* ghadu ma sehhx u ghalhekk anke ghal kwistjoni tat-tappieri tibqa' responsabbli s-socjeta', li tibqa' bid-dmir u responsabbilita' li thares ir-regolamenti li jehtiegu li jigi evitat periklu ghar-"*road user*" fis-sens li jekk hemm ostruzzjoni jehiteg li jitpoggew *barriers* u dawl.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Mill-provi jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni vera u proprja dwar l-incident li sehh fit-Telgha t'Alla u Ommu, Naxxar. Il-kjamati fil-kawza Penza Construction Ltd u Penza Tarmac Ltd. ma pproducewx provi sabiex jirribattu l-allegazzjoni ta'l-attur.

Stabbilit li l-vettura ta' l-attur spiccat "*beyond economical repair*," minhabba tappiera li kien hemm fit-triq, u minhabba nuqqas ta' sinjali u dawl, sabiex javzaw lis-sewwieqa li kien hemm periklu esistenti fit-triq, jibqa' sabiex jigi determinat minn kien responsabbli ghall-incident.

Il-kjamati fil-kawza, Penza Construction Ltd u Penza Tarmac Ltd. ma pprezentaw l-ebda difiza u per konsegwenza lanqas ma pproducew provi biex jirribadixxu dak allegat mill-attur.

L-unika prova sabiex tikkjarifika l-materja ta' responsabbilita' hija mix-xhieda li pproduca d-Direttorat

tat-Toroq. Jirrizulta li d-Direttorat kien ikkommissjona lis-socjeta’ Penza Construction Ltd. sabiex taghmel xi xogholijiet fit-Telgha t’Alla u Ommu, Naxxar u sakemm ma jinharigx certifikat minghand l-Awtorita’ tat-Trasport, is-socjeta’ tibqa’ responsabbli ghax-xogholijiet fit-triq, kif ukoll ghandha tiehu l-prekawzjonijiet sabiex tissalvagwardja it-triq ghas-sewwieq. Meta jitnehha il-periklu, hemm biss l-Awtorita’ tkun disposta li tohrog certifikat u f’dak il-mument ikun hemm “handover,” fis-sens li t-triq taqa’ that l-Awtorita’.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-“handover” kienet ghada ma sehhitx u ghaldaqstant kienet is-socjeta’ Penza Construction Ltd. responsabbli ghall-incident meta naqset li tiehu l-prekawzjonjiet sabiex tevita li tikkaguna periklu ghas-sewwieq fit-triq minhabba x-xogholijiet li kienet qed tezegwixxi – halliet tappiera miftuha u ma halliet l-ebda sinjal jew dawl sabiex tevita r-riskju ta’ incident.

Ma ingiebux provi li jistghu talvolta jirrendu responsabbli lis-socjeta l-ohra kjamata fil-kawza cioe’ Penza Tarmac Ltd.

Dwar id-danni anqas m’hemm provi in kontestazzjoni. Inoltre, l-attur esebixxa s-survery report fejn gie stabbilit mis-surveyor Philip Attard li l-vettura Austin Mini b’numru ta’ registrazzjoni JAF 969, kienet “*beyond economical repair*,”meta wehlet minn taht f’tappiera li kien hemm mghollja fit-triq. Il-“*pre-accident value*,” gie stabbilit ghal mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

L-attur qed jitlob mitejn sitta u tmenin lira Maltin (Lm286), meta effettivament gab provi tal-pre-accident value tal-vettura fl-ammont ta’ mitejn u hamisn lira Maltin (Lm250), kif ukoll tlett lira Maltin (Lm3) ghar-rapport, kif ukoll ghal tmintax-il lira Maltin (Lm18) ghas-survey report.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta’ Penza Construction Ltd kjamata fil-kawza filwaqt li jichadha fil-konfront tal-konvenut u s-socjeta’ l-ohra kjamata fil-kawza u konsegwentement filwaqt li jzomm responsabbli lis-socjeta’ imsemmija

Penza Construction Ltd ghad-danni kkagunati lill-vettura ta' l-attur u jordna lil istess socjeta' thallas lill-attur is-somma ta' mitejn wiehed u sebghin lira Maltin (Lm271).

L-ispejjes tal-kawza stante ic-cirkustanzi jigu sopportati mill-istess socjeta' Penza Construction Ltd, hlief l-ispejjes tas-socjeta' Penza Tarmac Ltd. li ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut stante li giet kjamata fil-kawza inutilment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------